**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

28 ta' Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier
Daniel Zerafa– Kunsillier

SKUZATI:

Janice Chetcuti - Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 42.1 | Qari ta' ittri ta' apologiji |
| 42.1.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Janice Chetcuti kienet baghtet emej li permezz tieghu kienet talbet illi l-Kunsill jiggustifika l-attendenza taghha mis-seduta tal-Kunsill Lokali minhabba li kienet ma tiflahx. |
| 42.1.2 | Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Steven Grech u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti il-Kunsill Lokali ggustifika n-nuqqas tal-Kunsilliera Janice Chetcuti. |
| 42.1 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 42.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 41 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 42.2.2 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa prezenta il-"boarding card", sabiex jiggustifika n-nuqqas tieghu tas-Seduta numru 41. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Steven Grech u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti il-Kunsill Lokali ggustifika n-nuqqas tal-Kunsillier Daniel Zerafa. |
| 42.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 42.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar is-19 ta' Settembru 2017, flimkien mas Sa. Emma Vella kienet inzammet laqgha ma' Shangai Electrics, fejn giet diskussa il-"Chinese Cultural Night", li kella tinzamm is-Sibt, 23 ta' Settembru. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li giet diskussa ukoll l-ghajnuna ta' fondi li ha tinghata minn Shangai Electrics. |
| 42.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar it-22 ta' Settembru 2017 ,kien attenda laqgha tar-regjun fejn gie diskuss li ha ssir konferenza. |
| 42.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar it-22 ta' Settembru 2017, is-Segretarju Ezekuttiv kellu laqgha rigward l-"ATM", li giet proposta minn Euronet Worldwide". Is-Sindku informa lil Kunsilliera li rigward dan hemm korrispondenza. |
| 42.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi nhar is- 26 ta' Settembru, flimkien mas-Sur Steven Grech attenda laqgha it- Transport Malta(TM), regward il-Bus Stop ta'Triq Zejtun u l-Bus Stop tal-Pjazza u informa lil kunsilliera li (TM),ghandhom jigu fuq il-post. |
| 42 .3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-attendenza tan-nies fil-"Fish Fest", li saret fis-16 ta' Settembru kienet success. |
| 42.3.6 | Is-Sindku informa lill- Kunsilliera li gie mitlub biex isir il-Kalendarju ghal Milied u talab l-approvazzjoni tal kunsilliera. |
| 42.3.7 | Is-Sindku informa lill- Kunsilliera prezenti illi nhar it-13 ta' Settembru 2017, inzammet laqgha mas-Sur Deo Debattista fejn saret rikjesta biex tinaghta ghajnuna ta' |

| | |
|---|---|
| | "cleansing", ghall- avveniment tal "Fish Fest", pero ma' natghat l-ebda ghajnuna. Is-Sindku spjega wkoll li gie nfurmat li qed tigi diskussa "Bye-Law", ghal Belt Valletta, u informa kif is-Sur Steven Grech staqsa tistax tkun applikata fir-rigward tar-"Restaurants", f'Marsaxlokk.Is-Sindku nforma lil kunsilliera li gew diskussa wkoll il-"Beach Cleaners". |
| 42.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 42.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa dwar il-"Bollards tax-Xatt"? Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsilliera li l-ewwel irid jigi publikat il-"Quarterly Report", ta' Ottubru u wara il-"Bollards", ikunu jistghu jinxtraw ftit,ftit. Wara diskussjoni libera gie deciz li tintalab stima gdida ghal "Bollards". |
| 42.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa "X'ser jigri mill-ghassa tal-Pulizija"? Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandhom jigu ikkomunikati il-Ministeri koncernati, mhabba li il- Kunsill ma' kellu l-ebda l-informazzjoni li l-ghassa u l-berga tas-sahha ma kellomx jibqghu fil-post li jinsabu llum. |
| 42.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa " l-Imwejjed u s-siggijiet"?<br>Is-Sindku qal lis-Sur Steven Grech li kien hemm "Bye-Law", rigward dan. |
| 42.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Il-Bicca ta'l-Enemalta (Ex Enemalta)"?Wara diskussjoni libera gie deciz li il-binja ta' l- ex Enemalta ghandha tigi diskussa mal - Prim Ministru. |
| 42.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-Karrijiet"? Wara diskussjoni libera ma' ntlahaqx ftehim. |
| 42.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il- Breakwater"? Rigward dan kien diga gie deciz li ghandha ssir laqgha mal Ministeru koncernat. |
| 42.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-kwistjoni tas-Sur Anglu Baldacchino"? Wara diskussjoni libera il-kusill gie nfurmat li s-Sur Anglu Baldacchino"ex volontier", tal-kusill lokali qatt ma' gie mkecci. Is –Segretarju Ezekuttiv staqsa kienx hemm xi haga ohra li l-kunsilliera riedu jghidu f'dan ir-rigward. Is-Sur Steven Grech qal li ma' kien hemm xejn aktar x'jinghad. |
| 42.5 | Rapporti |
| 42.5.1 | -Il-Kunsill Lokali gie infurmat minn is- Sa. Vanessa Galea bir-rassenja tal-monti li giet terminata il-Hadd 24 ta'Settembru 2017. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li il-"hawkers", li applikaw ghal l-iskema tas-somma imma kienu assenti ghal sitt hdud in fila jitilfu d-dritt ghal-istess somma. Is-Sa. Vanessa Galea infurmat lil kunsilliera li l-kuntratti tas-somma tal - monti ghandhom jibdew jigu ffirmati mis-17 ta'Ottubru 2017. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa li-Sur Horace Gauci rigward jekk kienx ikkonferma mas-Sur Duncan Hall biex ikun konsulent u jiffirma l-kuntratti flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv fin-nuqqas tieghu. Wara diskussjoni libera gie approvat li s-Sur Duncan Hall ikun il-konsulent fin-nuqqas tas-Sindku biex jiffirma l-kuntratti tal - monti flimkien mas-Segretaju Ezekuttiv. Is-Sa Vanessa Galea infurmat lil kunsill li kellha tigi stabbilita rassenja ohra ghal "Fixed Hawkers", pero d-dati kienu ghadhom mhux maghrufa. Il-kunsill gie nfurmat ukoll li kienet inzammet laqgha l-MEIB fejn kienu prezenti is-Sur Horace Gauci, Is –Sur Steven Grech, Is-Sa. Vanessa Galea u is-Sa. Emma Vella, fejn kien gie deciz li il-"Fish Hawkers", kelllhom jahsbu biex jarmaw "Fridges", taht il-bank |

| | |
|---|---|
| | ta' fejn ibieghu, peress li il-parkegg tal -vannijiet mhux ha jibqgha max-xatt, imma ha tigi proposta Triq Duncan bhala "Parking Space". Wara diskussjoni libera gie deciz li id-decizzjoni tal-"Fridges", ghandha tigi applikata malajr u l-kunsill ghandu jinforma lill-"Fish Hawkers", biex jippreparaw ghaliha ghal raguni li hija obbligatoja min tas-sanita wkoll. Gie deciz li fil -laqgha li ha tinzamm ghandu jkun hemm raprezentatnt tas-sanita. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-kunsill dwar il-kuntratt ta' l-iskema tal-"Hawkers", ghal fatt li ha jigi iffirmat mill-Kunsill Lokali biss, meta s-somma ta' l-iskema mhux ha tkun kontribuzzjoni mill- istess Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera gie deciz li din ghandha titnizzel fil-kuntratt li ghandu jigi stabbilit mill-MEIB. Gie diskuss ukoll il-problema tas-"substitutes", tal-"Hawkers". Wara diskussjoni libera gie deciz li il-"Hawkers" ghandhom ikollom ritratt u"trade license", fejn tkun imwahla mal-posta taghhom u jigi indikat min hemm "substitute", meta ssir ir-rassenja. Gie diskuss ukoll li dawk il-"Hawkers", li kienu assenti ghal sitt darbiet konekuttivi ha jitilfu il-posta u s-somma ma tinatax. Gie deciz li biex jinzamm kontroll tal "Hawkers", trid tibqgha ssir rassenja regolari. Is-Sa. Vanessa Galea infurmat lill-Kunsill Lokali li tqasmet ittra lil "Restaurants", fejn gew infurmati li l-Enemalta qed taghmel ezercizzju ta' assess ta' ampiragg li ghandhom is- sidien fl-istess "Restaurants".<br>- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill- kunsill lokali li il-kumpanija "Euronet Worldwide", proponiet intallazjoni ta'ATM. "Euronet", issugerew li l-installazjoni tkun ideali mal-hajt tal- "Public Convenience". Wara diskussjoni libera kien hemm qbil mill-kunsillieri, fuq kundizzjoni li l-ispejjez li jkun hem biex tigi nstallata l-ATM jithalsu mill- istess kumpanija"Euronet".<br>- Il-kusill gie nfurmat b'korrispondenza tal-"Hunters Tower Restaurant", fejn qed jingema hafna ilma. Wara diskussjoni libera gie deciz li jinbidlu xi katusi u il-hsara titranga mill- Kunsill lokali.<br>- Il-Kunsill gie nfurmat rigward stimi biex jitnadfu il-"Water Culverts. Wara diskussjoni liber kien hem qbil fuq min ghandu jinata x-xoghol u biex dan isir malajr kemm jista jkun.<br>- Il-Kunsill gie infurmat b'korrispondeza minn ghand is-Sur Kevin Fsadni, tal-"Malta Tourism Authority", rigward il-hinijiet tal- "Public Convenience", u kif l-istess awtorita ha taghmel tajjeb ghal l-stenzjoni ta' hinijiet.<br>- Il-Kunsill gie infurmat b'korrispondenza minn ghand il-"Malta Tourism Authority", fejn jixtiequ li jkun hemm persuna responsabbli li tkun prezenti f'kaz li ddoqq l-"alarm", li tinsab imwahla mat - "Tourist Information Office". Wara diskussjoni libera gie deciz li Is-Sur Horace Gauci ha jkun il-persuna responsabbli li tigi ikkuntatjata mill-pulizija.<br>- Il-Kunsill gie nfurmat b'korrispondenza mibghuta mill-Gvern Lokali fejn permess ta' riforma, l-Onor. Silvio Parnis qed jistieden il-Kunsill Lokali jibghat is- suggerimenti tieghu.<br>- Il-Kunsill gie infurmat b'korrispondenza mis- Sur Guzeppi Bugeja fejn qed jitlob zewg linji sofor quddiem il-garage tieghu fi Triq Port Ruman. Wara diskussjoni libera gie deciz li il-korrispondenza ghandha tintbat lil Transport Malta.<br>- Il-Kunsilliera gew infurmati b'korrispondenza minghand l-ghaqda 8 ta' Mejju fejn talbu lill-Kunsill Lokali permess u sabiex jghinu fil-hofor ta' l-armar tal-festa f'Xatt is-Sajjieda. Wara diskussjoni libera gie deciz li il-hofor ghandhom isiru ftit,ftit mill-Kunsill u r responsabilta ta'l armar ghandha tkun taghhom.<br>- Il-Kunsill gie infurmat b'korrispondenza fejn twahlu "U Channels", fuq bankina fi Triq ix-Xini. Wara diskussjoni libera gie deciz li ghandha tintbghat ittra lis-sidie tal-propjeta fejn jigu nfurmati li ghandhom bzonn permess tat-Transport Malta u approvazzjoni mill-Kunsill Lokali. Fl-istess hin ghandha tinzamm ordni tad daqs tal-"U Channels", skond il-proceduri ta' Transport Malta. |

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsilliera gew infurmati b'korrispondenza minghand is- Sur Gilbert Borg, fejn gibed l-attenzjoni tal kunsill rigward l-istat hazin li tinsab fiha it-Triq 8 ta" Mejju. Is-Sur Borg talab biex it-Triq tigi mqar trangata bi ftit zrar jew tarmac. Wara diskussjoni libera gie deciz li jigi infurmat it-Transport Malta.<br>-Il-Kunsill Lokali gie nfurmat b'korrispondenza mill-Gvern Lokali fejn qed jitolbu biex il-kunsill jghin biex isiru "courses" ta' lingwi lil (TNCs).<br>- Il- Kunsill gie infurmat b'korrispondenza li ha jsir filmat minn kumpanijja barranijja f' Saint Peter's Pool fejn talbu approvazzjoni.<br>- Il- Kunsill gie infurmat b'korrispondenza mill-GRTU fejn qed jitolbu laqgha mal-Kunsill Lokali.<br>- Il-Kunsilliera gew infurmati b'korrispondenza mill-"MEUSAC", fejn ha jigu iffinanzjata restawr ta' hitan tas-sejjieh.<br>- Il- Kunsill gie infurmat b'korrispondenza fuq l-"Update on Measure 4.4", ta' l- EAFRD.<br>- Permezz ta' Cirkolari numru 20/2017, mahruga mill-Gvern Lokali, il-kunsill gie nfurmat bir-"Registrazzjoni skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud".<br>- Il- Kunsill gie infurmat b'korrispondenza mill- Gvern Lokali dwar konferenza tal "Commonwealth", li ha ssir Malta ghal l-ewwel darba.<br>- Il-Kunsilliera gew infurmati b'korrispondenza mill- Vodafone fejn qed jitolbu biex jarmaw "Mobile Shop", vicin il-monti tal- Hadd, fid-29 ta' Ottubru 2017. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil li tigi approvata.<br>- Il-Kunsill Lokali gie nfurmat b'korrispondenza mill-Gvern Lokali rigward seminar ta' "Stakeholders",li ghandu jsir fit-2 ta' Ottubru 2017.<br>- Il- Kunsill gie infurmat b'korrispondenza mis-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva gha-niminazzjoni. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil li Is-Sur Anglu Baldacchino ghandu jkun nominat.<br>-Il-Kunsillieri gew infurmati b'korrispondenza minn ghand is-Sur Horris tal- Code 9 fejn qed jitlob ir-"Remote" tal- "Barrier"tax-Xatt. Wara diskussjoni libera gie degiz li ir-"Remote", tinaghta lis-Sid.<br>- Il-Kunsill Lokali gie nfurmat b'korrispondenza mill-Gvern Lokali li ma'jistghux jinhargu permessi biex tinghalaq jew isiru interventi f'xi triq bejn is-7:00 u d- 9:00 a.m., dan sabiex titnaqqas il-kongestjoni tat-traffiku.<br>- Permezz ta' Cirkolari numru 26/2017, mahruga mill-Gvern Lokali, il-kunsill gie nfurmat bl-"Elezzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali".<br>- Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta"quotations", ta' l-uniformi tal- haddiema ta' l-istess kunsill u tellahhom ghal approvazzjoni. Wara diskussjoni libera dawn gew approvati mill-kunsilliera.<br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/07758/17,PA/07609/17,RG/03017/17, PA/07419/17, PA/07261/17, PA/03653/17, PA/07117/17, PA/03238/17. Gie deciz illi ma kelha tistab ebda oggezzjononi ghall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| 42.6 | Mozzjonijiet |
| 42.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 42.7 | Sejhiet ghall-Offerti |
| 42.7.1 | Il-Kunsill Lokali gie infurmat li inghalaq it-"Tender", tal-"Bulk Refuse". |
| 42.7.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-"Evaluation Report", sabiex jigi approvat u iffirmat mill- kunsilliera. |

| | |
|---|---|
| 42.7.3 | Wara diskussjoni libera il- kunsill approva u iffirma l-“Evaluation Report”. |
| 42.8 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 42.8.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 26 ta’ Ottubru 2017 fl-5:00p.m. |

Konfermati,illum 26 ta’Ottubru 2017

IFFIRMATA

______________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv